MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1555/2003

**Roberta Speranza**

**vs**

**Lawrence Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) rappresentanti self brevi manu bejn il-perijodu ta' Jannar 2000 u Dicembru 2000, liema somma tirrapprezenta bilanc ta' somma akbar u li minnha thallsu Lm75 b'pagamenti fil-31 ta' Awissu 2002 u is-7 ta' Settembru 2002.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jixhed in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------